

32006L0037

L 94/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.4.2006

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/37/KE****tat-30 ta' Marzu 2006**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' ċerti sustanzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/0046/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tas-supplimenti ta' l-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/46/KE tispeċifika l-vitaminini u l-minerali, u għal kull wieħed minnhom il-forom, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tas-supplimenti ta' l-ikel.
- (2) Dawk il-vitaminini u sustanzi minerali li kienu ġew vvalu-tati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari (minn hawn "l-Awtorità") u li rċivew valutazzjoni xjentifika favorevoli għandhom jiġu inklużi fl-Annessi tad-Direttiva 2002/46/KE.
- (3) Dan l-aħħar kien hemm valutazzjoni xjentifika favorevoli għal ċerti vitaminini u sustanzi minerali u dawn kienu disponibbli pubblikament mill-Awtorità.
- (4) Huwa xieraq li jinbidel it-titlu tal-kategorija "aċċidu foliku" sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-inklużjoni ta' forom oħrajn tal-foljni fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE.
- (5) Id-Direttiva 2002/46/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata b'mod xieraq.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha ta' l-Annimali,

**Artikolu 1**

L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

**Artikolu 2**

1. L-Istati Membri għandhom igħibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-[...]. Għandhom mingħajr dewmien jipprovd lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixx kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

**Artikolu 3**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 4**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

## ANNESS

L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE hu emendat kif ġej:

1. Fis-Sezzjoni A. Vitamini:

(a) l-intestatura "10. AĊIDU FOLLIKU" jinbidel b"10. FOLATE"

(b) Il-linja li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura 10. FOLATE:

"(a) *L-methylfolate* tal-kalċju"

2. Fis-Sezzjoni B. Minerali, il-linja li ġejja hija inkluża qabel karbonat tal-kupru:

"*bisglycinate* tal-ħadid"

---